# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 46** Il-Ħamis 16 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:20 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Benjamin Zammit - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**16 ta' Marzu 2023**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**46.1.01** Ma kienx hemm.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-45.

**46.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 45 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**46.3.01** Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar PA/05089/22 *Site at,* Triq tal-Fenek, Għasri – *To Construct an agricultural store and reservoir* u risposta mibgħuta mill-Avukat inkarigat mill-Kunsill.

**46.3.02** Kommunikazzjoni mingħand Dr. Marica Borg, segretarja – Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex dwar Triq l-Għasri u Triq Iż-Żenqa ta' Fuq il-Lunzjata. Il-Kunsilliera approvaw l-ismijiet il-ġodda kif ġew proposti mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq.

**46.3.03** Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/2023 -Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Il-Kunsill għandu japplika għall-attività ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey.*

**46.3.04** Ċirkulari Numru SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Librerija Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Din l-iskema hija għal xogħol ta' manutenzjoni minuri. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ixkaffar il-qadim jinbidel biex ikun jaqbel mal-ġdid. Is-Segretarja ħa tapplika b'dan is-suġġeriment.

**46.3.05** Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2023 – Expressjoni ta' Interess : *The World Cleanup Campaign 2023.* Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għal din l-iskema biex ikun jista jnaddaf Wied l-Għasri.

**46.3.06** Ċirkulari Numru 4/2023 Proġett ta' *School Grannies.*

**46.3.07** Ċirkulari Numru 5/2023 Linji Gwida dwar il-proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart. Is-Segretarja spjegat kif id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ser iżomm parti mill-allokazzjoni (tal-ġbir tal-iskart) sabiex ir-Reġjun Għawdex ikolla *cash flow.*

**46.3.08** Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar *Designated Restricted Area* (Swim Zone). Applikazzjonijiet aċċetati sa l-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għandha ssir kif saret l-ewwel darba.

**46.3.09** Notifika mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Appell 347/22 (PA 4883/20) *Site at* Wied is-Seqer, Għasri. *To construct sheep farm*. Kopja tar-risposta tal-Appell.

**46.3.10** *Opening Report* tal-offerta tal-pavimentar. Din l-offerta ġiet *overbudget* b' 55%. Għalhekk il-Kunsill għandu jinkariga perit biex jara r-rati. Ir-rapport tal-perit għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu deċiżjoni dwarha.

**46.3.11** Ċir AKL 2023/022 *LESA LES Penalty Points Declaration Forms*. Formula biex wieħed ikun jista jitrasferrixxi punti minn persuna għal ieħor.

**46.3.12** Il-Kunsill ġie nformat mid-Diviżjoni Gvern Lokali li l-*Wi-Fi points* ta' Pjazza s-Salvatur, Triq tal-Fanal u Triq Dun Ġużepp Cassar li kienu ffinanzjati mid-Diviżjoni ser jiġu tterminati fl-aħħar ta' Marzu minħabba l-fatt li l-użu tagħhom mhux biżżejjed u għaldaqstant ma baqax aktar sostenibbli.

**46.3.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li titranġa t-Triq ta' Wied il-Mielaħ qabel in-niżla. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

## 46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**46.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li fi triq tal-Gallina hemm ħajt u blata li huma fil-periklu li jaqgħu. Jekk dawn jaqgħu jiġu fuq it-triq u jimblokkaw it-triq. Jekk il-Kunsill ma jsirx jaf min hu responsabbli għandhom jiġu nformati l-pulizija.

**46.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba u l-Kunsillier Elizabeth Mintoff ssuġġerew li ssir ħarġa f'Malta fi żmien ir-randan biex iżuru l-knejjes. Dawn għandhom jinformaw lis-Segretarja bid-dettalji. Il-Kunsilliera qablu li l-ħlas tax-xarabank jew *mini bus* jiġi mħallsa mill-Kunsill

**46.4.03** Il-Viċi Sindku staqsa x'ġara mill-proġett tat-tisbiħ tal-pjazza. Hu qal li ma jaqbel xejn li parti mill-Pjazza tingħalaq. Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff qalet li hi wkoll ma taqbilx. Is-Segretarja għandha titlob lill-periti biex jagħmlu diversi pjanti (drafts) biex jiġu preżentati lill-pubbliku.

**46.4.04** Il-Viċi Sindku staqsa jekk Triq Ġesù Nazzarenu hux lesta mix-xogħol ta' *resurfacing*. Hu staqsa wkoll min ser iħallas għal dan ix-xogħol peress li fuq is-*social media* deher li dan ix-xogħol kien ser isir mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Segretarja qalet li hi irċieviet telefonata mill-Ministeru jistaqsu dwarha wkoll. Is-Sindku qal li hu tella' post fuq is-*soċial media* u din ġiet interpretata ħażin. Dan ix-xogħol ser jiġi ffinanzjat mill-Kunsill.

## 46.5 Vjaġġ għal Sqallija;

**46.5.01** Is-Sindku qal li waqt il-*weekend break* li kien organizzat mill-Kunsill ġie diskuss u maqbul li tiġi organizzata żjara fi Sqallija. Hu kompla jgħid li l-Kunsill għandu

jissussudja t-trasport fi Sqallija. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li din l-ispiża ser tkun madwar €1000 kull jum u dan huwa ammont kbir.
Il-massimu ta' parteċipanti huwa 50 u l-ewwel preferenza tkun ir-residenti tal-Għasri (dawk li għandhom il-karta tal-identità fl-Għasri). Jekk jibqa postijiet għandhom jintagħżlu persuni li huma mill-Għasri iżda jgħixu barra mill-Għasri.

Ingibdet l-attenzjoni li din l-attività ma ġietx organizzata professjonalment. Is-Segretarja qalet li din kella tingħata lil xi aġenzija li tagħmel it-*tours* u b'hekk il-Kunsill kien ikollu l-aktar servizz tajjeb possibbli. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace staqsa dwar l-assigurazzjoni tan-nies. Is-Sindku talab lis-Segretarja biex tiġbor il-kwotazzjonijiet tat-trasport ġewwa Sqallija. Is-Segretarja qalet li hi mhux komda tagħmel dan ix-xogħol peress li m'għandha l-ebda kuntatti fi Sqallija kif ukoll m'għanda l-ebda dettalji dwar is-safra (lukanda, programm, eċċ).

## 46.6 Tranġar tat-Triq Dun Karm Caruana;

**46.6.01** Kif kien ġie diskuss u maqbul fl-aħħar laqgħa, s-Segretarja bagħtet ittra lir-residenti ta' triq fi Triq Dun Karm Caruana dwar il-possibbiltà li din it-triq tiġi rranġata. Kien hemm żewġ residenti li wrew it-tħassib tagħhom dwar dan. Jidher li hemm xi kwistjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet fuq ħlas ta' l-art. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jidhol u jara dwar din il-kwistjoni.

## 46.7 Van tal-Kunsill;

**46.7.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ser imur għand il-kumpanija biex jiffirma d-dokumenti meħtieġa u jiġbor il-van.

## 46.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**46.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-46 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta'din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti

## 46.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**46.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-9.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' April fis-7:00 ta' filgħaxija.
.

Konfermati, nhar it-Tlieta 18 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |